<u>Kif nieħdu ħsieb l-ambjent u nnaqsu l-iskart</u>

**Minn Adriana Stellini**

Fid-dinja hawn ħafna plastik. Il-plastik qegħdin nagħmluh aħna stess u ma nkunux nafu li qegħdin inħammġu l-baħar u d-dinja.




Fis-sena 2050, ix-xjentisti qegħdin jgħidu li fil-baħar ser ikun hawn aktar plastik milli ħut. Dan huwa eżempju ċar li aħna qegħdin inħammġu l-baħar bil-plastik u fl-istess ħin huwa fatt inkwetanti. Għalhekk meta tkun barra u jkollok xi skart x'tarmi, tarmihx mal-art jew fil-baħar. Ħalli dejjem borża fil-karozza u meta jkollok tarmi xi ħaġa, armi fiha. B'hekk tkun qed tnaqqas il-plastik li jispiċċa fl-ambjent u tieħu ħsieb l-ambjent ukoll.

Dawn li ġejjin huma ftit punti biex tnaqqas il-plastik u tieħu ħsieb l-ambjent.

- ✓ Meta tkun sejjer tixtri, tħallix lil tal-ħanut jagħtik basket tal-plastik. Minflok ħu basket miegħek mid-dar.
- ✓ L-iskola ħu flixkun li jista' jerġa' jintuża mhux flixkun tal-plastik li xħin tixorbu trid tarmih. Dan għaliex flixkun tal-plastik fil-baħar idum bejn erba' mija u ħamsin sena u elf sena biex jispiċċa.
- ✓ Minflok toqgħod tixtri pakketti tal-fliexken tal-ilma taż-żewġ litri, ikun aħjar jekk tinvesti f'filtru tal-ilma li jitwaħħal mal-vit u li jsaffi l-ilma tal-vit biex ikun tajjeb għax-xorb.

Tużax aktar plastik.  Kun ta' eżempju u qajjem kuxjenza man-nies ta' madwarek biex ma jużawx iktar plastik huma wkoll.  B'hekk inħallu dinja aħjar għan-nies li jiġu warajna.

